Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0277(COD)

23.11.2021

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil
(COM(2020)0613 – C9-0308/2020 – 2020/0277(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Juan Fernando López Aguilar

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil (COM(2020)0613 – C9-0308/2020 – 2020/0277(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0613),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 78(2)(c),(d) u (e) u l-Artikolu 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0308/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mis-Senat Taljan u l-Parlament Ungeriż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' April 2021[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Marzu 2021[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 155, 30.4.2021, p. 58.
[2] ĠU C 175, 7.5.2021, p. 32.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbozz ta' rapport dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi ***u ta' force majeure*** fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil	Abbozz ta' rapport dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-asil, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, ir-ritorni, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u s-sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, filwaqt li jirrikonoxxi li l-effettività tal-approċċ ġenerali tiddependi ***fuq*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat. L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha regoli speċifiċi biex tiġġestixxi b'mod effettiv il-migrazzjoni ***inkluż*** l-iskattar ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju u li jiġu stabbiliti l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu li sseħħ il-kriżi.	(3) L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-asil, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, ir-ritorni, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u s-sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, filwaqt li jirrikonoxxi li l-effettività tal-approċċ ġenerali tiddependi ***minn*** li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat. L-approċċ komprensiv jenħtieġ li jiżgura li l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha regoli speċifiċi biex tiġġestixxi b'mod effettiv il-migrazzjoni***, b'mod partikolari*** l-iskattar ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorju u li jiġu stabbiliti l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu li sseħħ il-kriżi.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minkejja l-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi meħtieġa, ma jistax jiġi eskluż li tinħoloq sitwazzjoni ta' kriżi ***jew*** ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil minħabba ċirkostanzi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma jkollhomx kontroll fuqhom.	(4) Minkejja l-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi meħtieġa, ma jistax jiġi eskluż li tinħoloq sitwazzjoni ta' kriżi***, inkluż*** ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil minħabba ċirkostanzi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma jkollhomx kontroll fuqhom.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv u jikkompletah billi jistabbilixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali ***u r-ritorn*** li jenħtieġ li japplikaw fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' sitwazzjoni ta' kriżi. Jenħtieġ li jiżgura, b'mod partikolari, l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà ***u l-adattament tar-regoli rilevanti dwar il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn***, sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni jkollhom l-għodod neċessarji għad-dispożizzjoni tagħhom inkluż żmien biżżejjed biex iwettqu ***dawk il-proċeduri***.	(5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv u jikkompletah billi jistabbilixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi speċifiċi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali li jenħtieġ li japplikaw fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' sitwazzjoni ta' kriżi. Jenħtieġ li jiżgura, b'mod partikolari, l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***, inkluż l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie***, sabiex l-Istati Membri u l-Unjoni jkollhom l-għodod neċessarji għad-dispożizzjoni tagħhom inkluż żmien biżżejjed biex iwettqu ***l-proċeduri differenti kollha***.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Influss bil-massa ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari ***u*** f'perjodu qasir ta' żmien jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru partikolari. ***Dan jista' jkollu*** wkoll konsegwenzi għall-funzjonament tas-sistema tal-asil u l-migrazzjoni, mhux biss ***f'dak l-Istat*** Membru iżda fl-Unjoni kollha kemm hi, minħabba ***movimenti mhux awtorizzati u*** n-nuqqas ta' kapaċità ***fl-Istat*** Membru tal-ewwel dħul biex jipproċessa l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***ta' tali ċittadini ta' pajjiżi terzi***. Huwa meħtieġ li jiġu ***stabbiliti regoli u*** mekkaniżmi speċifiċi ***li jenħtieġ li jippermettu azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħal dawn***.	(6) Influss bil-massa ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari***, jew wara programmi ta' evakwazzjoni,*** f'perjodu qasir ta' żmien jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru partikolari. ***Sitwazzjoni bħal din jista' jkollha*** wkoll konsegwenzi għall-funzjonament tas-sistema tal-asil u l-migrazzjoni, mhux biss ***fl-Istat*** Membru ***kkonċernat,*** iżda ***wkoll*** fl-Unjoni kollha kemm hi, ***inkluż,*** minħabba n-nuqqas ta' kapaċità ***li kwalunkwe Stat*** Membru tal-ewwel dħul ***ikollu jiffaċċja sitwazzjoni simili,*** biex jipproċessa l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***. Sistema tal-asil, l-akkoljenza jew ir-ritorn ma tkunx funzjonali meta ma tkunx tista' tkampa ma' sitwazzjoni ta' kriżi mingħajr effetti negattivi fuq l-interessi tal-persuni li jaslu jew fuq persuni oħra b'applikazzjonijiet pendenti għal protezzjoni internazzjonali. Sitwazzjoni ta' kriżi tista' tiġi skattata wkoll meta ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll ta' Stat Membru jipperikolaw il-possibbiltà li l-Istat Membru kkonċernat jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni dwar l-asil u l-migrazzjoni***. Huwa meħtieġ li jiġu ***previsti*** mekkaniżmi speċifiċi ***biex jiġu evitati konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil jew il-Qafas Komuni kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] b'mod partikolari għal mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju, bil-għan li jiġu bbilanċjati l-isforzi bejn l-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sitwazzjoni ta' kriżi tista' tkun ukoll ir-riżultat ta' programmi ta' evakwazzjoni. Dawn il-programmi jistgħu jinkludu miżuri ta' evakwazzjoni differenti, bħall-għoti ta' viżi umanitarji; l-istabbiliment ta' kurituri umanitarji jew trasferimenti diretti ta' evakwazzjoni. Dawn il-programmi ta' evakwazzjoni jenħtieġ li jkunu parti minn risponsi urġenti għal emerġenzi mhux previsti.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Minbarra s-sitwazzjonijiet*** ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw ***ċirkostanzi anormali u imprevedibbli barra mill-kontroll tagħhom, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja l-eżerċizzju tal-attenzjoni kollha dovuta. Tali sitwazzjonijiet ta' force majeure jistgħu jagħmluha impossibbli li jiġu rispettati l-limiti ta' żmien stabbiliti mir-Regolamenti (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-twettiq tal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.*** Sabiex jiġi żgurat li s-sistema komuni tal-ażil tkompli tiffunzjona b'mod effiċjenti u ġust, filwaqt li jiġi ggarantit eżami f'waqtu tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali u ċ-ċertezza legali, ***f'sitwazzjonijiet bħal dawn jenħtieġ li japplikaw limiti ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet u***	(7) ***F'ċerti sitwazzjonijiet*** ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw ***force majeure, imsemmija fid-dritt internazzjonali u Ewropea, bħala sitwazzjoni minħabba l-okkorrenza ta' forza irreżistibbli jew ta' avveniment mhux previst lil hinn mill-kontroll tagħhom, li jagħmilha materjalment impossibbli fiċ-ċirkostanzi li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni[1a]. Force majeure tista' tinkludi diżastri naturali bħala nirien qawwija, terremoti, attakki terroristiċi, gwerer, konflitti armati militari jew ċivili, u irvellijiet li jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni ta' kriżi.*** Sabiex jiġi żgurat li s-sistema komuni tal-ażil tkompli tiffunzjona b'mod effiċjenti u ġust, filwaqt li jiġi ggarantit eżami f'waqtu tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali u ċ-ċertezza legali, ***japplika wkoll l-iskattar ta' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali***.

għall-passi proċedurali meħtieġa għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u għat-trasferiment tal-applikanti lejn l-Istat Membru responsabbli. L-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' force majeure jenħtieġ li jkunu jistgħu jimplimentaw ukoll il-miżuri ta' solidarjetà li jridu jieħdu skont il-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] f'perjodu ta' żmien estiż, fejn meħtieġ.

1a

https://legal.un.org/ilc/texts/instruments/english/commentaries/9_6_2001.pdf

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sitwazzjoni ta' kriżi jenħtieġ li tippermetti l-iskattar tas-sett sħiħ ta' miżuri previsti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li ma jiġix injorat ir-riskju imminenti ta' sitwazzjoni ta' kriżi, billi rispons fil-ħin fil-każ ta' riskju imminenti jista' jevita li eventwalment isseħħ sitwazzjoni reali ta' kriżi. Fl-istadju ta' riskju imminenti ta' sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li jkun disponibbli l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju bħala għodda preventiva.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà għal sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [Ġestjoni tal-Asil u Migrazzjoni] jenħtieġ li jiġi adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi billi jiġi estiż l-ambitu personali tal-miżuri ta' solidarjetà previsti f'dak ir-Regolament u jiġu stabbiliti skadenzi iqsar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jgħin malajr biex itaffi l-pressjoni li jiffaċċja Stat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-ambitu ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jinkludi l-kategoriji kollha ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali***, inkluż persuni mogħtija protezzjoni immedjata,*** kif ukoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ***u migranti irregolari***. ***Barra minn hekk, Stat Membru li jipprovdi ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jittrasferixxi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li s-soġġorn tiegħu jkun illegali mill-Istat Membru benefiċjarju jekk il-persuna kkonċernata ma tirritornax jew ma titneħħiex fi żmien erba' xhur, minflok tmien xhur kif previst mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].***	(10) Sabiex jgħin malajr biex itaffi l-pressjoni li jiffaċċja Stat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-ambitu ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jinkludi l-kategoriji kollha ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali***, inkluż persuni mogħtija protezzjoni internazzjonali prima facie***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-regoli proċedurali stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] għat-twettiq ta' rilokazzjoni u ritorn sponsorizzat jenħtieġ li jiġu applikati bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi, għalkemm jenħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jitqiesu l-gravità u l-urġenza ta' dik is-sitwazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat ***u jikkontrollaw il-movimenti mhux awtorizzati***. Jenħtieġ li tali miżuri ***jinkludu l-applikazzjoni ta' proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-asil u proċedura*** tal-ġestjoni ***tal-kriżijiet tar-ritorn***.	(12) F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu sett ta' miżuri usa' sabiex jimmaniġġjaw influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ordinat. Jenħtieġ li tali miżuri ***jkunu bbażati prinċipalment fuq mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju u l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie, bħala mekkaniżmu ta' rispons fil-qafas ta' sistema*** tal-ġestjoni ***tal-migrazzjoni tal-Unjoni komprensiva***.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-kunsiderazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħarbu t-tibdil fil-klima, jenħtieġ li titqies ukoll, fejn xieraq, fid-determinazzjoni tal-gruppi speċifiċi ta' applikanti, eliġibbli li jingħataw protezzjoni internazzjonali prima facie.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula ***matul*** tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(13) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien itwal għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula ***fil-bidu ta'*** tali sitwazzjonijiet ta' kriżi. Tali estensjoni ***temporanja*** jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil iggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u d-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati	***imħassar***

Membri jkollhom il-flessibbiltà meħtieġa meta jiffaċċjaw influss kbir ta' migranti li jesprimu l-intenzjoni li japplikaw għall-ażil, l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera, stabbilita mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jenħtieġ li titwessa', u proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil jenħtieġ li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjoni fil-qafas ta' proċedura fuq il-fruntiera wkoll fuq il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità, jew fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, resident abitwali preċedenti ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet mogħtija protezzjoni internazzjonali mal-Unjoni kollha huwa ta' 75 % jew anqas. B'riżultat ta' dan, fl-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera tal-kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu japplikaw il-proċedura fuq il-fruntiera kif previst mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] iżda jistgħu jestendu l-applikazzjoni tal-proċedura fuq il-fruntiera għal ċittadini li jiġu minn pajjiżi terzi fejn ir-rata medja ta' rikonoxximent mal-UE kollha hija ogħla minn 20 % iżda anqas minn 75 %.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar] jenħtieġ li japplika bil-possibbiltà li l-iskadenza ta' ħamest ijiem tiġi estiża b'ħamest ijiem	***imħassar***

oħra, kif speċifikat f'dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) F'sitwazzjoni ta' kriżi, fid-dawl tal-pressjoni possibbli fuq is-sistema tal-asil, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li ma jawtorizzawx id-dħul fit-territorju tagħhom ta' applikanti soġġetti għal proċedura fuq il-fruntiera għal perjodu ta' żmien itwal minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil]. Madankollu, il-proċeduri jenħtieġ li jitlestew kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ il-perjodi ta' żmien jenħtieġ li jiġu estiżi biss b'perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat; jekk dawk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jitlestew sal-iskadenza ta' dak il-perjodu mtawwal, l-applikanti jenħtieġ li jkunu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru għall-finijiet li titlesta l-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn jenħtieġ li, f'sitwazzjoni	***imħassar***

ta' kriżi, tiffaċilita r-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li s-soġġorn tagħhom ikun illegali li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' ġestjoni tal-ażil f'każ ta' kriżi u li ma għandhomx dritt jibqgħu u ma jitħallewx jibqgħu, billi tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-għodod meħtieġa u bi skeda ta' żmien suffiċjenti biex iwettqu proċeduri ta' ritorn bid-diliġenza dovuta. Sabiex tkun tista' twieġeb għal sitwazzjonijiet ta' kriżi b'mod effettiv, il-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn jenħtieġ li tapplika wkoll għall-applikanti, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-persuni mingħajr Stat soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament propost (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew rifjutati qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li Stat Membru qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' kriżi, u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu wara tali deċiżjoni.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Meta tiġi applikata l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew il-persuni mingħajr Stat li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u li ma jistgħux jibqgħu jenħtieġ li ma jkunux awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u jenħtieġ li jinżammu fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-	***imħassar***

Proċeduri tal-Asil] għal perjodu li jista' jkun itwal minn dak stabbilit minn dak l-Artikolu sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jlaħħqu mas-sitwazzjonijiet ta' kriżi u jiffinalizzaw il-proċeduri ta' ritorn; għal dan il-għan, it-tul massimu ta' 12-il ġimgħa tal-proċedura fuq il-fruntiera biex isir ir-ritorn stabbilit fl-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil] jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali li ma jistax jaqbeż it-tmien ġimgħat. Matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jkun possibbli li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jinżammu f'detenzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5(41)(a) u (6) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], sakemm il-garanziji u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni stabbiliti fid-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġu rispettati, inkluż il-valutazzjoni individwali ta' kull każ, il-kontroll ġudizzjarju tad-detenzjoni u l-kundizzjonijiet adegwati tad-detenzjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex tippermetti l-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjoni ta' kriżi u tiżgura adattament xieraq tar-regoli rilevanti dwar il-proċedura tal-asil u tar-ritorn, il-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li tawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati, fuq talba motivata tagħhom, biex japplikaw regoli ta' deroga rilevanti. Tali deċiżjoni ta' implimentazzjoni tista' tawtorizza lil Stat Membru rikjedenti wieħed jew aktar biex	***imħassar***

jidderoga(w) mir-regoli rilevanti.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-inizjattiva li tintalab valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi tista' tittieħed mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis it-talbiet għall-eżami ta' sitwazzjoni ta' kriżi possibbli minn dawn l-atturi istituzzjonali, billi kollha għandhom responsabbiltà komuni li jibbilanċjaw l-isforzi, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà fi ħdan l-Unjoni, u bejn l-Istati Membri. Risponsi f'waqthom għall-kriżijiet, anke fl-istadji bikrija tagħhom, huma fl-interess ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u għalhekk jikkontribwixxu għal ġestjoni komuni tal-ażil u l-migrazzjoni effiċjenti u sostenibbli.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***teżamina talba motivata sottomessa minn Stat Membru*** filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-	(20) Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tivvaluta sitwazzjoni ta' kriżi*** filwaqt li tqis l-informazzjoni ssostanzjata miġbura skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Ażil] u r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u r-rapport dwar il-

Kunsill[3] u r-rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].	Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX [***ir-Regolament dwar*** il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]***, kif ukoll Rapporti mill-UNHCR, l-IOM, u informazzjoni fattwali, ibbażata fuq l-evidenza minn Aġenziji oħra tal-Unjoni***.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sitwazzjoni ta' kriżi mhijiex ibbażata biss fuq parametri numeriċi. L-aspetti lokali u reġjonali jistgħu jkunu elementi ewlenin fil-valutazzjoni tagħha, billi nuqqas funzjonali konsiderevoli fil-livell lokali jew reġjonali jista' jiġġenera l-istess konsegwenzi bħal sitwazzjoni ta' kriżi fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex l-Istati Membri jingħataw	***imħassar***

żmien addizzjonali meħtieġ biex jittrattaw is-sitwazzjoni ta' kriżi u fl-istess ħin jiżguraw aċċess effettiv u malajr kemm jista' jkun għall-proċeduri u d-drittijiet rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u l-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn għal perjodu ta' sitt xhur, li jista' jiġi estiż sa perjodu ta' mhux aktar minn sena. Wara l-iskadenza tal-perjodu rilevanti, l-iskadenzi estiżi previsti fil-proċeduri ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil u tar-ritorn jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tawtorizza l-applikazzjoni ta' regoli derogatorji fir-rigward tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni għal perjodu li ma jaqbiżx l-erba' ġimgħat, li jenħtieġ li jkun jista' jiġġedded fuq talba motivata ġdida sottomessa mill-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-perjodu ta' applikazzjoni totali jenħtieġ li ma jaqbiżx it-tnax-il ġimgħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) F'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula minn persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, fejn huma jiffaċċjaw livell għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat. F'każ bħal dan, dawk il-persuni jenħtieġ li jingħataw status ta' protezzjoni immedjata. L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu bl-eżami tal-applikazzjoni tagħhom sa mhux aktar tard minn sena mis-sospensjoni tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Persuni mogħtija protezzjoni immedjata jenħtieġ li jkomplu jitqiesu bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-applikazzjoni pendenti tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], kif ukoll skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni].	***imħassar***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċjarji ta' status ta' protezzjoni immedjata jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] applikabbli u ekwivalenti għal dawk li jgawdu l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex issir valutazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati mill-benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata, il-proċeduri tal-ażil jenħtieġ li jerġgħu jibdew mhux aktar tard minn sena wara s-sospensjoni ta' tali proċeduri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE***[25]***, ir-regoli dwar il-kwalifiki tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali evolvew b'mod konsiderevoli. Minħabba li dan ir-	***(27)*** Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[25], ir-regoli dwar il-kwalifiki tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali evolvew b'mod konsiderevoli. Minħabba li dan ir-

Regolament jistabbilixxi regoli għall-għoti ***ta' status*** ta' protezzjoni ***immedjata*** f'sitwazzjonijiet ta' kriżi lil persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jistgħux jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u jipprevedi regoli speċifiċi għas-solidarjetà għal dawn il-persuni, id-Direttiva 2001/55/KE jenħtieġ li tiġi revokata.	Regolament jistabbilixxi regoli għall-għoti ta' protezzjoni ***internazzjonali prima facie*** f'sitwazzjonijiet ta' kriżi lil persuni spostati minn pajjiżi terzi li ma jistgħux jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u jipprevedi regoli speċifiċi għas-solidarjetà għal dawn il-persuni, id-Direttiva 2001/55/KE jenħtieġ li tiġi revokata.
_____	_____
25 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja ***fl-eventwalita'*** ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).	*25* Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja ***fl-eventwalità*** ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' force majeure, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] taħt kundizzjonijiet stretti fejn huwa impossibbli li jkun hemm konformità ma' dawk il-limiti ta' żmien minħabba s-sitwazzjoni straordinarja. Tali estensjoni jenħtieġ li tapplika għal-limiti ta' żmien stabbiliti għall-bgħit u għar-rispons ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà u notifiki biex l-applikant jittieħed lura kif ukoll il-limitu ta' żmien biex applikant jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru responsabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli speċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' force majeure, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien relatati mar-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], taħt kundizzjonijiet stretti. F'dawn il-każijiet, l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) F'tali sitwazzjonijiet ta' force majeure, jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kummissjoni u, fejn applikabbli, lill-Istati Membri l-oħrajn, bl-intenzjoni tiegħu li japplika d-derogi rispettivi minn dawk il-limiti ta' żmien, kif ukoll ir-raġunijiet preċiżi għall-applikazzjoni maħsuba tagħhom, kif ukoll il-perjodu ta' żmien li matulu se jiġu applikati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) F'sitwazzjonijiet ta' force majeure, li jagħmluha impossibbli għal Stat Membru li jikkonforma mal-obbligu li jieħu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li qed jiffaċċja tali sitwazzjoni u li jestendi l-perjodu ta' żmien biex jieħu tali miżuri ta' solidarjetà.	***imħassar***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, jenħtieġ li mill-aktar fis possibbli, huwa jinnotifika lill-Kummissjoni, u fejn applikabbli, lill-Istati Membri l-oħra, bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Il-limiti ta' żmien li jidderogaw mir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] jenħtieġ li ma jiġux applikati għal applikazzjonijiet ġodda għal protezzjoni internazzjonali magħmula jew għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew għal persuni mingħajr Stat li jinstab li jkunu qegħdin joqogħdu illegalment wara d-	***imħassar***

data ta' dik in-notifika. Wara tali notifika, il-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jenħtieġ li jibdew japplikaw.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] jipprevedi mekkaniżmi rapidi f'każ li ħafna persuni li jaslu fi Stat Membru jagħmlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-assistenza tar-riżorsi umani ta' amministrazzjonijiet pubbliċi differenti biex jiġu assistiti bl-ammont tax-xogħol tar-reġistrazzjoni, bil-kundizzjoni li jkunu rċevew taħriġ xieraq; it-timijiet ta' appoġġ mill-Aġenzija għall-Ażil jistgħu jassistu wkoll, abbażi tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], biex jikkumpensaw immedjatament in-nuqqas regolari tal-persunal. Dawn il-mekkaniżmi, attwalment disponibbli fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ma jeħtiġux perjodi twal jew indeterminati ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' reġistrazzjoni regolari fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]. F'sitwazzjoni stabbilita ta' kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom li jiskattaw il-mekkaniżmi legali kollha possibbli biex jiggarantixxu reġistrazzjoni rapida u komprensiva tal-applikazzjonijiet, bil-għan li jiggarantixxu trasparenza u aċċess għall-proċedura,

abbażi tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba; f'dawn iċ-ċirkostanzi, fl-ewwel ġimgħat ta' sitwazzjoni ta' kriżi biss, jenħtieġ li tkun prevista deroga temporanja mill-iskadenzi ta' reġistrazzjoni, stabbilita fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 32b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32b) Meta jirreġistraw applikanti għal protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li, fil-formoli ta' reġistrazzjoni, jinkludu dejjem l-elementi kollha neċessarji biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni, kif ukoll kwalunkwe rabta sinifikattiva li l-applikant jista' jkollu ma' Stat Membru ieħor, biex tiġi applikata proċedura ta' rilokazzjoni mingħajr xkiel. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddependu mill-assistenza tal-Aġenzija għall-Ażil u s-sett ta' għodod ta' appoġġ tagħha biex dawn il-formoli ta' reġistrazzjoni jiġu stabbiliti bl-aktar mod komprensiv. Dan l-approċċ jenħtieġ li jiżgura trasferimenti rapidi u aċċess malajr għall-proċedura tal-ażil.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 32 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32c) L-applikanti li għamlu applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jirċievu dokument li juri li tkun saret applikazzjoni bħal din. Dan id-dokument jenħtieġ li jiffaċilita l-aċċess għad-drittijiet tagħhom f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], wara li ssir din l-applikazzjoni u sar-reġistrazzjoni formali tagħha.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 32 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32d) Bil-għan li jiġu aċċellerati l-proċessi ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi jenħtieġ li jagħmel użu mit-timijiet ta' appoġġ u mis-sett ta' għodod eżistenti tal-Aġenzija għall-Ażil, jibnu fuq l-aħjar prattiki u l-esperjenza miġbura fl-appoġġ tar-rilokazzjoni permanenti tagħhom, b'mod partikolari skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Settembru 2015 dwar ir-rilokazzjoni ta' emerġenza, u fl-okkażjoni ta' żbarki wara interventi ta' Tiftix u Salvataġġ.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 19e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(32e) Meta l-Istati Membri jiġu ffaċċjati b'sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li jkollhom aċċess rapidu għal assistenza minn Stati Membri oħra. Rilokazzjonijiet rapidi u bla xkiel, kif ukoll proċeduri mħaffa għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont il-Parti III tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] huma għodda neċessarja biex jiġu mmitigati sitwazzjonijiet ta' kriżi fl-Istati Membri kkonċernati. Dan ir-rispons jenħtieġ li jiggarantixxi aċċess rapidu għall-proċeduri tal-ażil mill-applikanti u ġestjoni effiċjenti tal-migrazzjoni għall-Unjoni kollha kemm hi.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 19f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32f) Meta l-Istati Membri ma joffrux wegħdiet ta' rilokazzjoni suffiċjenti biex jilħqu l-limiti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fid-deċiżjoni tagħha dwar is-sitwazzjoni ta' kriżi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun obbligata taġġusta l-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru sakemm jintlaħaq il-limitu stabbilit fid-deċiżjoni. Koeffiċjent tad-distribuzzjoni, ibbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru u l-PDG u r-rata tal-qgħad tiegħu, jenħtieġ li jintuża bħala referenza għall-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni għal kull Stat Membru. Fid-dawl tal-iżgurar tal-integrazzjoni xierqa tal-benefiċjarji tar-rilokazzjoni, l-impatt tar-rata tal-qgħad fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni jista' jikkontribwixxi għar-rispons għan-nuqqasijiet ta' ħaddiema fis-swieq tax-xogħol nazzjonali fl-Istati

Membri rilevanti.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 32g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32g) Meta jippproponu l-ammont ta' kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-appoġġ għar-rilokazzjoni offrut mill-bliet u r-reġjuni, billi r-rilokazzjoni u l-integrazzjoni jiddependu prinċipalment mill-atturi fil-livell lokali; huma għalhekk atturi ewlenin fil-kisba ta' trajettorji ta' rilokazzjoni ta' suċċess.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 9h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32h) Fid-dawl tal-koordinazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-isforzi kollha ta' rilokazzjoni, Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li għandu jinħatar mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jassisti u jissorvelja lill-koordinazzjoni tar-rilokazzjoni tal-applikanti u l-benefiċjarji li jinsabu eliġibbli għar-rilokazzjoni. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE jenħtieġ li, b'mod partikolari, jagħmel ħiltu biex jagħti prijorità lill-persuni vulnerabbli, b'mod partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati, u lil benefiċjarji ta' protezzjoni prima facie fit-trasferimenti ta' rilokazzjoni. Il-

Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE jenħtieġ li, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija għall-Asil, jippromwovi wkoll metodi ta' ħidma koerenti, għall-verifika ta' kwalunkwe rabta sinifikattiva li l-persuni eliġibbli għal rilokazzjoni jista' jkollhom ma' Stati Membri ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Meta l-Istati Membri jirċievu appoġġ finanzjarju għar-rilokazzjoni, dawn jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet lokali li jappoġġaw il-proċess ta' rilokazzjoni jibbenefikaw minn dan l-appoġġ finanzjarju.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex ***jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26].***	***(34)*** Sabiex ***jippermettu l-adattament neċessarju tar-regoli dwar il-proċeduri tal-asil kif ukoll dawk dwar is-solidarjetà, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment tad-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi, il-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni f'sitwazzjoni ta' kriżi, ir-reġistrazzjoni ta'***

applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie u d-determinazzjoni ta' meta tintemm sitwazzjoni ta' kriżi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1a]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[1a] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi għall-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni ta' regoli proċedurali derogatorji, u għall-iskattar	***imħassar***

tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament f'raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi preżenti fl-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprevedi l-adattament neċessarju tar-regoli dwar il-proċeduri tal-ażil kif ukoll dawk dwar is-solidarjetà sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi, inkluż force majeure fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fi ħdan l-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-

proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi ***u*** ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi ***regoli*** speċifiċi ***li jidderogaw minn dawk*** stabbiliti ***fir-Regolamenti*** (UE) XXX/XXX ***[il-Ġestjoni tal-Asil u tal-Migrazzjoni] u (UE) XXX/XXX*** [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil] ***u fid-Direttiva XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn]***.	1. Dan ir-Regolament jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi***, inkluż*** ta' force majeure***,*** fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-asil fl-Unjoni u jipprevedi ***derogi*** speċifiċi ***mir-regoli stabbiliti fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Asil]. ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet li għandu l-għan li jtaffi r-restrizzjonijiet għall-Istati Membri li jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' kriżi u li jipproteġi d-drittijiet tal-applikanti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż aċċess għall-proċedura u kundizzjonijiet ta' akkoljenza f'sitwazzjoni ta' kriżi.***

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sitwazzjoni ta' kriżi" tfisser

(a) – sitwazzjoni eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari, jew wara programmi ta' evakwazzjoni, fi Stat Membru jew li jiżbarkaw fit-territorju tiegħu wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, li jkunu ta' tali skala, meta mqabbla mal-popolazzjoni, il-PDG u r-rata tal-qgħad tal-Istat Membru kkonċernat, u ta' tali natura, li jirrendu s-sistema tal-ażil, tal-akkoljenza jew tar-ritorn tal-Istat Membru fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali mhux funzjonali, jew

– sitwazzjoni eċċezzjonali minħabba forza irreżistibbli jew avveniment mhux previst lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jkunu ta' tali skala, meta mqabbla mal-popolazzjoni, il-PDG u r-rata tal-qgħad tal-Istat Membru kkonċernat, u ta' tali natura, li jipprevjenu lill-Istat Membru milli jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni;

(b) "riskju imminenti" ta' tali sitwazzjoni msemmija fil-punt (1)(a).

(2) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser Stat Membru li jirċievi appoġġ skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(3) "Stat Membru kontributur" tfisser Stat Membru li jwettaq rilokazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 2	***imħassar***
Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi	
1. Għall-finijiet li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif stabbilit fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tapplika l-Parti IV tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] mutatis mutandis, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 45(1), il-punt (d), l-Artikolu 47, l-Artikolu 48, l-Artikolu 49, l-Artikolu 51(3)(b)(iii) u (4), l-Artikolu 52(2) u (5) u l-Artikolu 53(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi.	
2. B'deroga mill-Artikolu 50(3), il-valutazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahar [wieħed] preċedenti.	
3. B'deroga mill-Artikoli 51(1), 52(3) u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenzi stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jitqassru għal ġimgħa waħda.	
4. B'deroga mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rapport imsemmi fih għandu jindika jekk l-Istat Membru kkonċernat jinsabx f'sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dan ir-Regolament.	
5. B'deroga mill-Artikolu 51(3)(b)(ii), l-Artikolu 52(1) u 52(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 53(3)(a) tar-Regolament (UE) XXX/XXX[il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], ir-rilokazzjoni għandha tinkludi mhux biss persuni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament, iżda wkoll persuni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 45(2).	
6. B'deroga mill-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], is-sehem	

ikkalkulat skont il-formula stabbilita f'dak l-Artikolu għandu japplika wkoll għal miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(2), il-punti (a) u (b) ta' dak ir-Regolament.

7. B'deroga mill-Artikolu 55(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], l-iskadenza stabbilita fih għandha tkun ta' erba' xhur.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi
	1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk Stat Membru huwiex f'sitwazzjoni ta' kriżi fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:
	(a) l-Istat Membru jkun informa lill-Kummissjoni, f'talba dettaljata, li jqis lilu nnifsu f'sitwazzjoni ta' kriżi;
	(b) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru jista' jkun f'sitwazzjoni ta' kriżi;
	(c) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iqisu li l-Istat Membru huwa f'sitwazzjoni ta' kriżi.
	2. Meta tivvaluta jekk Stat Membru huwiex f'sitwazzjoni ta' kriżi, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenziji tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, b'mod partikolari l-Aġenzija għall-Ażil, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali, b'mod partikolari l-UNHCR u l-IOM u

tqis l-informazzjoni miġbura skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mekkaniżmu tal-UE għat-tħejjija u għall-ġestjoni tal-kriżijiet b'rabta mal-migrazzjoni[1a] (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji) u r-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat matul il-valutazzjoni tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika immedjatament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri li qed twettaq din il-valutazzjoni.

5. Valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul ix-xahrejn preċedenti, meta mqabbla mas-sitwazzjoni ġenerali fl-Unjoni, u għandha tqis, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin:

(a) in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u n-nazzjonalità tal-applikanti;

(b) in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn adottati f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE;

(c) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi permezz ta' skemi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja nazzjonali u tal-Unjoni;

(d) in-numru ta' talbiet biex tittieħed responsabbiltà ta' persuni deħlin u li se jitilqu u n-notifiki biex l-applikant jittieħed lura f'konformità mal-Artikoli 34 u 36 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni];

(e) in-numru ta' minorenni mhux

akkumpanjati;

(f) in-numru ta' trasferimenti mwettqa f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni];

(g) in-numru u n-nazzjonalità ta' persuni maqbuda b'rabta ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna tal-art, tal-baħar jew tal-ajru;

(h) in-numru u n-nazzjonalità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

6. Il-valutazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi għandha tqis ukoll dan li ġej:

(a) l-informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat, fejn il-valutazzjoni titwettaq skont il-paragrafu 1(a);

(b) is-sitwazzjoni ġeopolitika f'pajjiżi terzi rilevanti li tista' taffettwa l-movimenti migratorji;

(c) ir-Rakkomandazzjonijiet rilevanti previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u l-Artikolu 32(7) tar-Regolament (UE) 2019/1896, u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill rilevanti adottati skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil];

(d) ir-rapporti dwar il-Kapaċità ta' Għarfien u ta' Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni (ISAA) skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, dment li jiġi attivat ir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi jew ir-rapport

dwar l-Għarfien u l-Analiżi tas-Sitwazzjoni tal-Migrazzjoni (MISAA) maħruġ fl-ewwel stadju tal-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni, meta r-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ma jkunx attivat;

(e) l-appoġġ ipprovdut minn Aġenziji tal-Unjoni lill-Istat Membru potenzjalment f'sitwazzjoni ta' kriżi.

[1a] OJ L 317, 1.10.2020, p. 26.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi
	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi wara t-talba biex issir valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 2a, mhux aktar tard minn ġimgħa wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 2a(4), u tippreżentaha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	2. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tindika jekk l-Istat Membru kkonċernat huwiex f'sitwazzjoni ta' kriżi.
	3. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru kkonċernat huwa f'sitwazzjoni ta' kriżi, id-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi għandha tidentifika:
	(a) il-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-ażil kif ukoll il-ħtiġijiet ġenerali tiegħu sabiex jimmaniġġja l-volum tal-każijiet tal-ażil tiegħu;

(b) il-miżuri li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-ażil;

(c) l-ammont xieraq ta' kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' kriżi u l-perjodu ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-kontribuzzjonijiet;

(d) il-kategoriji ta' persuni, kif imsemmija fl-Artikolu 2c(1) li għandhom jiġu rilokati mill-Istati Membri kontributuri;

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi permezz ta' att delegat f'konformità mal-Artikolu 12b.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2c
	Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà f'sitwazzjoni ta' kriżi
	1. Meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 2b tindika li Stat Membru huwa f'sitwazzjoni ta' kriżi, l-Istati Membri kontributuri, li mhumiex huma stess Stati Membri benefiċjarji, għandhom jikkontribwixxu permezz tar-rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn jekk dawn l-applikanti humiex soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera, u tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li ngħataw protezzjoni internazzjonali inqas minn tliet snin qabel l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 2d. L-

Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari minorenni mhux akkumpanjati, u, f'każ ta' sitwazzjoni ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 1a(1)(a), il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali prima facie moghtija f'konformità mal-Artikolu 10a.

2. Fi żmien ġimgħa mill-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 2b, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà. Il-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà għandu jindika l-ammont propost ta' kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni tal-Istat Membru, inklużi l-kategoriji ta' persuni li għandhom jiġu rilokati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll l-arranġamenti dettaljati u l-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawk il-kontribuzzjonijiet proposti.

Stat Membru li jipproponi kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jista' jitlob tnaqqis ta' 10 % tas-sehem tiegħu kkalkulat f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e fejn juri fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà li matul il-ħames snin preċedenti kien responsabbli għal mill-inqas id-doppju tal-medja tal-Unjoni per capita tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

Meta jkunu saru kontribuzzjonijiet b'rispons għal talba minn Stat Membru benefiċjarju għal appoġġ għal rilokazzjoni minn Stati Membri kontributuri biex tiġi prevenuta sitwazzjoni ta' kriżi fit-territorju tiegħu, fis-sitt xhur qabel in-notifika tal-Artikolu 2a(4), u meta jikkorrispondu għall-miżuri ta' rilokazzjoni stabbiliti fid-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b, il-Kummissjoni għandha tnaqqas dawn il-kontribuzzjonijiet mis-

sehem korrispondenti tagħhom ikkalkulat f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2d
	Att delegat tal-Kummissjoni dwar miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet ta' kriżi
	1. Fi żmien ġimgħa mill-preżentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà skont l-Artikolu 2c(2), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 12a.
	2. Permezz ta' atti delegat, il-Kummissjoni għandha:
	(a) f'sitwazzjoni ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 1a(1)(a):
	(i) tistabbilixxi jekk id-deroga prevista fl-Artikolu 6 għandhiex tiġi skattata;
	(ii) tistabbilixxi li hemm il-ħtieġa li tingħata prijorità skont l-Artikolu 10a(2), lil ċertu grupp ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali prima facie, fejn l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tagħhom x'aktarx li tkun fondata sew;
	(iii) tiddefinixxi l-pajjiż ta' oriġini speċifiku, jew parti minn pajjiż ta' oriġini speċifiku, jew il-grupp ta' applikanti speċifiku abbażi ta' kriterji oħra definiti sew, imfassla mir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward

tal-persuni msemmija fl-Artikolu 10a(1), u fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali x'aktarx tkun fondata sew;

(b) f'sitwazzjoni ta' kriżi msemmija fl-Artikolu 1a(1), inkluż riskju imminenti ta' sitwazzjoni ta' kriżi, stabbilita, flimkien mal-miżuri msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu:

(i) id-distribuzzjoni ta' persuni li għandhom jiġu rilokati kif stabbilit fid-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b(3)(c), fost l-Istati Membri kontributuri, abbażi tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e;

(ii) id-distribuzzjoni tal-kategoriji differenti ta' persuni li għandhom jiġu rilokati kif stabbilit fid-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b(3)(d), fost l-Istati Membri kontributuri.

Id-distribuzzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi aġġustata meta Stat Membru kontributur li jkun qed jagħmel talba skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2c(2) juri fil-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà li matul il-ħames snin preċedenti kien responsabbli għal mill-inqas id-doppju tal-medja tal-Unjoni per capita tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kontributur għandu jirċievi tnaqqis ta' 10 % tas-sehem tiegħu, ikkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

Meta jkunu saru kontribuzzjonijiet b'rispons għal talba minn Stat Membru benefiċjarju għal appoġġ għal rilokazzjoni minn Stati Membri kontributuri biex tiġi prevenuta sitwazzjoni ta' kriżi fit-territorju tiegħu, fis-sitt xhur qabel in-notifika tal-Artikolu 2a(4), u meta jikkorrispondu għall-miżuri ta' rilokazzjoni stabbiliti fid-deċiżjoni dwar sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b, il-Kummissjoni għandha

tnaqqas dawn il-kontribuzzjonijiet mis-sehem korrispondenti tagħhom ikkalkulat f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

Dan it-tnaqqis għandu jiġi distribwit b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri kontributuri l-oħra f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

Meta Stat Membru wieħed jew aktar ma jkunux ippreżentaw Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kontribuzzjoni ta' rilokazzjoni tagħhom filwaqt li tqis il-ħtiġijiet identifikati fid-deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b u f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-ammont ta' kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni jew il-kategoriji ta' persuni skont l-Artikolu 2c(1) indikati fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà ma jikkorrispondux għall-ħtiġijiet identifikati fid-deċiżjoni dwar is-sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 2b, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni f'konformità mal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 2e.

3. Il-miżuri previsti fl-att delegat għandhom ikunu applikabbli mill-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u għandhom jibqgħu japplikaw sakemm tintemm is-sitwazzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 10b.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-att delegat kull tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Ir-rapport għandu jkun fih analiżi tal-effettività tal-miżuri meħuda.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2e
	Koeffiċjent tad-distribuzzjoni
	Is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni minn kull Stat Membru kontributur f'konformità mal-Artikolu 2d għandu jiġi kkalkulat mill-Aġenzija għall-Ażil, f'konformità mal-formola bbażata fuq il-kriterji li ġejjin għal kull Stat Membru, skont l-aħħar data tal-Eurostat disponibbli:
	(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 40 %);
	(b) il-PDG totali (ponderazzjoni ta' 40 %);
	(c) ir-rata tal-qgħad totali (ponderazzjoni ta' 20 %).

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2f
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġa r-rilokazzjoni obbligatorja stabbilita f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt, sabiex jikkoordina l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istati Membri kontributuri li jimplimentaw l-obbligi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 2d.
	2. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu:
	(a) jikkoordina u jappoġġa l-

komunikazzjoni bejn l-Istati Membri involuti;

(b) iżomm rendikont tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u segwitu fuq ir-rilokazzjonijiet li jkunu għaddejjin, u fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri involuti;

(c) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru benefiċjarju li jinsabu f'sitwazzjoni ta' kriżi u l-Istati Membri kontributuri, biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet, inkluż f'livell operazzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-aħjar interazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, fl-interess tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju;

(d) jippromwovi l-aħjar prattiki fil-qasam tar-rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2g
	Proċedura qabel ir-rilokazzjoni
	1. Il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tapplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 2d.
	2. Qabel ma jidentifika applikant għal protezzjoni internazzjonali bħala persuna li tista' tiġi rilokata, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni rilevanti.
	L-applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju huwa determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikoli 15 sa 20 u 24 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-

Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5), ma għandux jiġi identifikat bħala persuna li tista' tiġi rilokata.

L-applikanti li għalihom Stat Membru ieħor huwa determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikoli 15 sa 20 u 24 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni], bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5), ma għandhomx jiġu identifikati bħala persuni li jistgħu jiġu rilokati. Dawk l-applikanti għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitoli IV sa VII tal-Parti III tar-Regolament(UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni].

3. Qabel ma japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiżgura li ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' dak l-Istat Membru. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, l-Istat Membru benefiċjarju ma għandux japplika l-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu.

4. Meta tkun applikabbli r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati, f'kooperazzjoni mal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, l-Aġenzija għall-Ażil, l-Aġenzija għall-Gwardja tal-Kosta u taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom iqisu, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikattivi bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membri kontributur. Meta l-persuna li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-

persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru kontributur malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija fil-paragrafu 4.

6. L-Istat Membru kontributur għandu jeżamina l-informazzjoni mibgħuta mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.

7. Meta, wara l-verifika msemmija fil-paragrafu 6, l-Istat Membru kontributur isib li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, għandu jikkonferma, fi żmien ġimgħa minn dik il-verifika, li se jirriloka l-persuna kkonċernata. Meta, wara l-verifika msemmija fil-paragrafu 6, l-Istat Membru kontributur isib li hemm raġunijiet raġonevoli biex iqis il-persuna kkonċernata bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, għandu jinnotifika lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura tal-periklu u l-elementi sottostanti għal twissija minn kwalunkwe bażi tad-data rilevanti fi żmien ġimgħa minn dik il-verifika. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex issehħ.

Fil-każ li l-Istat Membru kontributur jonqos milli jikkonforma mal-limiti taż-żmien imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-irċevuta tal-informazzjoni għandha titqies bħala kkonfermata u l-Istat Membru kontributur għandu jirriloka u jipprevedi arranġamenti xierqa għall-wasla tal-persuna kkonċernata.

8. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment fi żmien ġimgħa mill-irċevuta tan-notifika tal-Istat Membru kontributur skont il-paragrafu 6 li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn l-Istat Membru kontributur.

9. It-trasferiment tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istat Membru kontributur għandu jitwettaq f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru kontributur.

10. L-Artikoli 32(3), (4) u (5), l-Artikoli 33 u 34, l-Artikolu 35(1) u (3), l-Artikolu 36(2) u (3), u l-Artikoli 37 u 39 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-trasferiment għall-fini ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2(h)
	Proċedura wara r-rilokazzjoni
	1. L-Istat Membru kontributur għandu jinforma lill-Istat Membru

benefiċjarju jekk il-persuna kkonċernata waslitx fil-limitu ta' żmien stabbilit.

2. Meta l-Istat Membru kontributur ikun irriloka applikant għal protezzjoni internazzjonali, dak l-Istat Membru għandu jkun ukoll l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-Istat Membru kontributur għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu fil-Eurodac skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].

3. Meta l-Istat Membru kontributur ikun irriloka benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru kontributur għandu jagħti awtomatikament l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali lil dik il-persuna fuq l-istess bażi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Wieħed għandu jinnota li f'dan l-abbozz, il-verifika ta' Dublin ġiet imħassra.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 2i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2i
	Obbligi oħra
	L-Istati Membri benefiċjarji u kontributuri għandhom iżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rilokazzjoni meħuda fuq livell bilaterali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jitħassar?

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 2j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2j
	Koordinazzjoni Operazzjonali
	Fuq talba, u f'kooperazzjoni u koordinazzjoni sħiħa mal-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-aspetti operazzjonali tal-kontribuzzjonijiet ta' rilokazzjoni proposti mill-Istati Membri kontributuri, inkluża kwalunkwe assistenza minn esperti jew timijiet skjerati mill-Aġenzija għall-Asil jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-assistenza operazzjonali mill-Aġenzija għall-Asil għandha tintervjeni għall-benefiċċju ta' implimentazzjoni bla xkiel tal-proċessi ta' rilokazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiddependu mill-Aġenzija għall-Asil għal assistenza fit-taħriġ, assistenza operazzjonali u teknika u fi ħdan l-operazzjoni tat-timijiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni abbażi tal-Artikoli 16 u 21 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 2k (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2k
	Appoġġ finanzjarju
	1. L-appoġġ għall-finanzjament wara r-rilokazzjoni skont l-Artikoli 2b sa 2h ta' dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni[1a], abbażi tal-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament.
	2. L-appoġġ għall-finanzjament f'każ ta' emerġenza għall-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi jista' jingħata skont l-Artikolu 31(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/1147.
	3. Il-finanzjament skont l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 11(9) u l-Anness II(2.)(d) u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2021/1147 jista' jiġi allokat lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet reġjonali u lokali li jappoġġaw l-isforzi ta' rilokazzjoni mill-Istati Membri tagħhom.
	[1a] ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċeduri tal-ażil ***u tar-ritorn*** f'sitwazzjoni ta' kriżi	Proċeduri tal-ażil f'sitwazzjoni ta' kriżi

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 4	***imħassar***
Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet fil-qasam tal-ażil	
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' applikazzjonijiet magħmula fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu, jidderogaw mill-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ġej:	
(a) B'deroga mill-Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-Istati Membri jistgħu fi proċedura fuq il-fruntiera jieħdu deċiżjonijiet dwar il-merti ta' applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikun ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz, jew, fil-każ ta' persuni mingħajr Stat, qabel kien resident abitwali ta' pajjiż terz, li għalih il-proporzjon ta' deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali mill-awtorità determinanti jkun, skont l-aħħar data annwali disponibbli tal-Eurostat mal-UE kollha, 75 % jew anqas, minbarra	

l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil];

(b) B'deroga mill-Artikolu 41(11) u (13) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], it-tul massimu tal-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami tal-applikazzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu jista' jittawwal b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' tmien ġimgħat. Wara dan il-perjodu, l-applikant għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istat Membru għat-tlestija tal-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tar-ritorn	
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu, fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jew persuni mingħajr Stat li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew miċħuda fil-kuntest tal-proċedura tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-ażil skont l-Artikolu 4, u li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu u mhumiex permessi li jibqgħu jidderogaw mill-Artikolu 41a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] kif ġej:	
(a) B'deroga mill-Artikolu 41a(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-proċeduri tal-Ażil], il-	

perjodu massimu li matulu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr Stat għandhom jinżammu fil-postijiet imsemmija f'dak l-Artikolu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' massimu ta' tmien ġimgħat;

(b) B'deroga mill-Artikolu 41a(7) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], il-perjodu ta' detenzjoni stabbilit f'dak l-Artikolu ma għandux jaqbeż il-perjodu msemmi fil-punt (a);

(c) Minbarra l-każijiet previsti fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva XXX [ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li riskju ta' ħarba huwa preżunt f'każ individwali, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, meta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 6(1), il-punt (f) tad-Direttiva XXX[ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn] jiġi ssodisfat jew meta l-applikant, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ikkonċernati biċ-ċar u b'mod persistenti ma jissodisfawx l-obbligu ta' kooperazzjoni stabbilit mill-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għal applikanti, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għal persuni mingħajr Stat soġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil] li l-applikazzjoni tagħhom tkun ġiet irrifjutata qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni maħruġa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u li ma għandhomx dritt jibqgħu u mhumiex permessi jibqgħu wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi ***fl-Artikolu 1(2)(a) u skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3***, l-applikazzjonijiet li jsiru ***fil-perjodu li matulu jiġi applikat dan l-Artikolu*** għandhom jiġu rreġistrati ***mhux aktar tard minn erba'*** ġimgħat minn meta jsiru permezz ta' deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].	***1.*** F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi ***fl-Artikolu 1a(1)(a)***, l-applikazzjonijiet li jsiru ***fi żmien tliet ġimgħat mill-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 2d*** għandhom jiġu rreġistrati ***f'perjodu ta' tliet*** ġimgħat minn meta jsiru***, f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil],*** permezz ta' deroga ***unika u temporanja*** mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil].

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi għandu jitlob l-assistenza tal-awtoritajiet kollha li jistgħu jżidu, fi żmien qasir, ir-riżorsi umani tal-awtoritajiet responsabbli tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5 (3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u l-assistenza tal-esperti skjerati mill-Aġenzija Ewropea għall-Ażil f'konformità mal-Artikolu 5(4)(b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], u l-Artikolu 16(2)(b) u l-Artikolu 21(3)(d) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil].

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]), u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], malli jagħmlu applikazzjoni, irrispettivament minn meta sseħħ ir-reġistrazzjoni.
	L-awtorità responsabbli tal-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi għandha tipprovdi lill-applikant b'dokument, li jindika l-mument meta saret l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istat Membru f'sitwazzjoni ta' kriżi għandu jipprevedi riżorsi materjali u umani addizzjonali u suffiċjenti biex jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Estensjoni tal-limitu taż-żmien għar-reġistrazzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni. Wara din in-notifika, b'deroga mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu rreġistrati minn dak l-Istat Membru mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn meta jsiru. Fin-notifika, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom iqis li dan il-paragrafu jkun jeħtieġ jiġi applikat u għandu jindika l-perjodu ta' żmien li matulu se jiġi applikat.	
2. Meta Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure kif imsemmi f'dak il-paragrafu li tagħmilha impossibbli li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], dak l-Istat Membru għandu, mill-aktar fis possibbli, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar it-terminazzjoni tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-limitu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' jiġi applikat.	

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 9	***imħassar***
Estensjoni tal-perjodi ta' żmien għall-miżuri ta' solidarjetà	
1. Meta Stat Membru jkun qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure li tagħmilha impossibbli li jkun hemm konformità mal-obbligu li jittieħdu miżuri ta' solidarjetà fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikoli 47 u 53(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. L-Istat Membru kkonċernat għandu jindika r-raġunijiet preċiżi li għalihom huwa jqis li qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa għal dak il-għan. Wara tali notifika, b'deroga mill-perjodi ta' żmien stabbiliti minn dawk l-Artikoli, il-perjodu ta' żmien għat-twettiq tal-miżuri ta' solidarjetà stabbilit f'dawk l-Artikoli għandu jiġi sospiż għal perjodu massimu ta' sitt xhur.	
2. Meta Stat Membru ma jkunx għadu qed jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dak l-Istat Membru għandu	

jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-waqfien tas-sitwazzjoni. Wara din in-notifika, il-perjodu ta' żmien estiż stabbilit fil-paragrafu 1 ma għandux jibqa' japplika.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Kapitolu V – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għoti ta' protezzjoni ***immedjata***	Għoti ta' protezzjoni ***internazzjonali prima facie***

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata	
1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a), u abbażi ta' att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jissospendu l-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' persuni spustati minn pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw grad għoli ta' riskju li jkunu soġġetti għal vjolenza	

indiskriminata, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kunflitt armat, u li ma jkunux jistgħu jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' protezzjoni immedjata lill-persuni kkonċernati, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru. Dan l-istatus għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni kontinwa tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] applikabbli għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.

3. L-Istati Membri għandhom ikomplu bl-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li ġew sospiżi skont il-paragrafu 1 wara massimu ta' sena.

4. Permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi li hemm sitwazzjoni ta' kriżi abbażi tal-elementi msemmija fl-Artikolu 3;

(b) tistabbilixxi li hemm il-ħtieġa li jiġi sospiż l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) tiddefinixxi l-pajjiż speċifiku ta' oriġini, jew parti minn pajjiż speċifiku ta' oriġini, fir-rigward tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1;

(d) tistabbilixxi d-data li minnha għandu jiġi applikat dan l-Artikolu u tistabbilixxi l-perjodu ta' żmien li matulu l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ta' persuni spostati kif imsemmi fil-punt (a) jistgħu jiġu sospiżi u għandu jingħata status ta' protezzjoni

immedjata.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10a
	L-għoti ta' protezzjoni internazzjonali prima facie
	1. F'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1)(a), u abbażi tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 2d, l-Istati Membri għandhom jagħtu, protezzjoni internazzjonali prima facie f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward ta' applikanti ta' pajjiż ta' oriġini speċifiku jew parti(jiet) minnu jew fir-rigward ta' gruppi speċifiċi ta' applikanti skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Qabel l-adozzjoni tal-att delegat għandhom isiru konsultazzjonijiet mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra.
	2. Għal applikanti msemmija fil-paragrafu 1, l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali għandha tingħata prijorità f'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] abbażi tal-Artikolu 33(5)(a) ta' dak ir-Regolament. Billi dawn l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali x'aktarx li mhumiex fondati sew, l-eżami tal-applikazzjonijiet ma għandux idum aktar minn xahar mir-reġistrazzjoni tagħhom.
	3. L-applikanti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw

protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jirrappreżentawx periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru.

4. Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali mogħtija f'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jkollhom aċċess effettiv għad-drittijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika], li jikkorrispondu għall-istatus ta' protezzjoni tagħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha, f'sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1a(1)(a) permezz tal-att delegat, imsemmi fl-Artikolu 2d,

(a) tistabbilixxi li hemm il-ħtieġa li tingħata prijorità skont il-paragrafu 2a, lil ċertu grupp ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali prima facie, fejn l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali x'aktarx li tkun fondata sew;

(b) tiddefinixxi l-pajjiż ta' oriġini speċifiku, jew parti minn pajjiż ta' oriġini speċifiku, jew il-grupp ta' applikanti speċifiku abbażi ta' kriterji oħra definiti sew, imfassla mir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika] fir-rigward tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1 fejn l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali x'aktarx li tkun fondata sew;

6. L-att delegat, li jistabbilixxi l-gruppi ta' applikanti eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali prima facie skont il-paragrafu 5(a) u (b) ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi rieżaminat kull tliet xhur u, fejn is-sitwazzjoni għal dawn il-gruppi tkun inbidlet, jista' jiġi adottat att delegat rivedut. Ir-rieżami għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini, jew informazzjoni aġġornata dwar il-gruppi speċifiċi rilevanti eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali prima facie. Qabel l-

	adozzjoni tal-att delegat għandhom isiru wkoll konsultazzjonijiet mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra.
	7. Deċiżjoni li tintemm is-sitwazzjoni ta' kriżi kif imsemmija fl-Artikolu 10b ma għandhiex taffettwa l-istatus ta' dawk li ngħataw protezzjoni internazzjonali prima facie skont dan l-Artikolu u lanqas id-dritt li japplikaw, jekk applikabbli, għal status ta' refuġjat, f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika].

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 10b
	It-tmiem ta' sitwazzjoni ta' kriżi
	Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 12a biex tiddetermina jekk is-sitwazzjoni ta' kriżi fi Stat Membru tkunx intemmet, abbażi tal-istess kriterji kif elenkati fl-Artikolu 2a.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 11	***imħassar***
Adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni	

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u li jwasslu għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

2. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati, minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi kif definita fl-Artikolu 1(2) fi Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli proċedurali derogatorji msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6, u tal-iskattar tal-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata skont l-Artikolu 10. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(3).

3. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12	***imħassar***
Proċeduri tal-Kumitat	
1. Għall-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2d, l-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 10b għal perjodu ta' ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2d, l-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 10b tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tibda tapplika fil-jum wara l-

pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2d, l-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 10b għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni f'perjodu ta' [ġimagħtejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu informaw, it-tnejn li huma, lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12b
	Proċedura ta' Urġenza
	1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma ssir l-ebda oġġezzjoni f'konformità mal-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha

tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 2b(4). F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Or. en